MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 485/2001/1

**Tony Henry Debono**

**Vs**

**Tabib Daniel Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut ihallas Lm1,135.36c (elf, mija u hamsa u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu) rappresentanti danni ta' incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Dicembru, 2000 bejn il-vettura GMY 100 propjeta' ta' l-attur u misjuqa minn Bruce Debattista u l-vettura PAX 001 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut jichad kontra l-attur billi l-istess incident kien tort tax-xufier tal-vettura propjeta' tal-attur u cioe Bruce Debattista u dana minhabba

traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-iskizz u r-Road Accident Report. Skond dan ir-rapport Bruce Debattista qal li kien gej mill-lane ta’ barra u l-vettura tal-konvenut qasmet mill-lane ta’ gewwa.

Skond ir-rapport ezatt wara l-habta l-konvenut qal li kien qieghed jaqsam mill-lane ta’ gewwa u l-vettura GMY 100 kienet sejra fuq l-outer lane u habtu.

Ra s-seduta mizmuma fit-3 t’April 2002 li fiha xehed Andrew Camilleri, prodott mill-konvenut, fejn jikkonferma li ma rahx l-incident izda wasal fuq il-post wara l-incident. Jghid li ghandu stabbiliment fejn il-MFSC u ma jaqbilx mal-iskizz, il-karozza tal-attur kienet aktar qrib is-central strip.

Ra l-istess seduta li fiha xehed Johan Camilleri, prodott mill-konvenut, fejn jikkonferma u jaqbel ma’ Andrew Camilleri.

Xehdet Dr Denise Gatt, prodotta mill-attur, fejn tghid li kienet fil-front seat passenger mal-konvenut. Tghid ukoll li l-intenzjoni taghhom kienet li jduru fejn l-Oxford House fejn il-Kodak ta’ Cutajar, u kif qabzu t-traffic lights indunat li l-konvenut xeghel l-indicator pero’ ma setghux iduru mill-ewwel minhabba t-traffic fuq il-lemin taghhom. Tikkonferma li l-konvenut kien qed isuq bil-mod, daru u gew fi nofs tat-triq. Kienu dige fil-posizzjoni jistennew li jkun hemm gap fit-traffiku gej minn naha tal-Mriehel, in-naha ta’ Fleur De Lys biex jaqsmu t-triq, imbaghad saret il-habta. Tikkonferma li l-iskizz huwa tajjeb hlief li l-vettura tal-attur kienet iktar qrib is-central strip.

Ra x-xhieda tat-Tabib Daniel Micallef li qal li wara li qabez it-traffic lights xeghel l-indicator, kif kien hemm dahal fl-outer lane sabiex ikun jista jikser fejn l-Oxford House. Il-konvenut qal li gie fejn il-ftuh fis-central strip, kien “kwazi zero velocity” u kwazi “at right angle”. Kien qed ihares

biex jara karozzi gejjin biex ikun jista jaqsam. Dak il-hin qala' d-daqqa. Il-konvenut qal li tarf tal-magna kienet dige il-hinn mis-central strip. Il-konvenut qal li l-habta grat fejn hu mmarkat bl-ittra A fuq l-iskizz.
Fil-kontro-ezami Dr Denise Gatt qalet li meta qabzu l-lights kienu fuq ix-xellug tat-triq u komplew isuqu fuq ix-xellug ghal certu distanza. Dr Gatt qalet "ftit lura fejn hemm il-fetha tas-central strip missieri caqlaq ghal lane ta' barra". Qabel il-habta kienu weqfin mas-centre strip.

Fil-kontro-ezami l-konvenut ikkonferma li kien ghaddej ghall-ewwel fuq ix-xellug tat-triq. Dr Micallef qal li 'hafna qabel ma kelli ndur jiena qsamt il-lane u gejt fuq il-lane ta' barra. Kien baqa' aktar minn nofs it-tul bejn il-lights u fejn ried idur. Meta gie biex idur ra l-mini bus warajh izda dan kien xi 60 jew 80 metri warajh. Dr Micallef qal li l-hsara fil-karozza tieghu kien fuq il-lemin. Dr Micallef qal li hu ma kienx ra l-verzjoni tieghu lil Pulizija.

Tony Henry Debono qal li wasal fuq il-post wara l-incident. Tony Henry Debono ffirma bil-lapes fuq l-iskizz biex juri fejn ra d-debri risultat tal-habta.

PS 1043 Francis Pace xehed li wara l-habta dak li qalulu z-zewg partijiet huwa nizzlu fir-Road Accident Report. Francis Pace kkonferma wkoll il-hsarat.

Meta xehed Bruce Debattista dan qal li kien qed isuq fuq il-lane ta' barra fejn is-central strip. Ma kienx hemm vetturi quddiemu – kien hemm vetturi hafna izjed quddiem fuq il-lanes l-ohra. Imbaghad gie Peugeot 405 u din kif waslu fil-cross roads fejn Oxford House qabzitlu mix-xellug u kisret fuq il-lemin. Din il-karozza laqtet il-karozza tieghu u baqghet igorru fuq il-lane l-ohra. Debattista qal li ghafas il-brake ezatt ma' l-incident ghaliex il-vettura l-ohra daret fuqu f'daqqa. Meta saret il-habta l-Peugeot kien 45 degrees mieghu.

Ikkunsidra li skond ir-rapport tal-pulizija l-konvenut qal li "he was turning from the inner lane and other vehicle was coming on the outer lane and collided in same". Illi fil-kawza l-konvenut qal li ma kienx ta' l-verzjoni tieghu lil

pulizija. Meta xehed il-pulizija hu qal li l-konvenut kien ta l-verzjoni tieghu.

Il-konvenut kellu hsara fuq il-lemin tal-karozza tieghu fil-waqt li l-van misjuq minn Debbatista kellha hsara fuq il-front left side mudguard.

Illi mill-posizzjoni tal-hsarat iktar huwa verosimili li l-incident gara kif gie deskritt mill-pulizija u minn Debattista. Illi l-konvenut jghid li kien qed isuq fuq l-outer lane ghan-nofs id-distanza bejn it-traffic lights u l-fetha fis-centre strip. Illi kieku kien hemm kien ikun hemm hsara fuq il-parti ta’ wara tal-karozza tieghu u mhux fuq il-gemb. Kieku l-incident gara kif jghid il-konvenut il-hsara fil-van kienet tkun fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin u mhux fil-gemb tax-xellug.

Illi kien il-konvenut li kien se jaqsam il-lane tat-traffiku u ghalhekk il-konvenut kellu jassikura li setgha jaghmel hekk minghajr ma jostakola t-traffiku sejjer fl-istess direzzjoni fuq il-lane fejn is-central strip. Hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna li jtennu l-principju li sewwieq li jkun ser jibdel id-direzzjoni tieghu jehtieglu mhux biss illi jaghmel sinjal sabiex jindika l-manuvra tieghu, izda jehtieglu wkoll jara illi dawk li jkunu qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. (Ara Ellul Vs Bianchi GCD PA 23/3/1998; Busuttil Vs Grima PA GV 24/4/1995; Citadel Vs Gambin Inf. JAB 26/6/2002; Giglio Vs Agius Inf. 9/11/1998; Il-Pulizija Vs Sapiano Qorti tal-Appell Kriminal Vol. XXIX iv. 558 u Il-Pulizija Vs J.Bartolo Qorti ta’ l-Appel Vol. XXXVIII. Iv. 868 u Thomas Smith Vs Bugeja Tribunal ghal Talbiet Zghar Deciza 7/5/2002).

Id-danni ma gewx kkontestati.

Ghaldaqstant billi l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident, jichad ir-Risposta tal-konvenut u jilqa’ t-talba attrici u jikkudanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur l-ammont ta’ Lm1,135.36c (elf, mija u hamsa u tletin lira Maltin u sitta u teltin centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 7 ta’ Mejju 2001 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------